MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 366/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Cassar)**
**Vs**
**Francis Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ Gunju, 2008 u fil-jiem ta’ wara, f’hinijiet differenti, f’dawn il-Gzejjer,

1. approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata lilu jew ikkunsinjata lilu w cioe’ s-somma ta’ tnax-il elf, tlett mija w hamsin Euro (€12,350) ghad-dannu ta’ Franco Falzon;
2. sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w dan b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ nhar it-12 ta’ Lulju, 2008, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Dicembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li lliberat lill-appellat mill-akkuza tar-recidiva peress illi din ma rrizultatx ippruvata, sabitu hati ta’ l-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal perjodu ta’ xahrejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija gie sospiz ghal zmien sentejn.
Il-Qorti wissiet lill-appellat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ dina s-sentenza.
Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat lill-hati jhallas lill-parte leza bhala kumpens ghad-danni subiti s-somma ta’ tnax il- elf tlett mija w hamsin Euro (€12350) u dana fi zmien sitt (6) xhur.
Il-Qorti finalment ordnat li kopja tal-atti w is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fl-intier taghha ghar-ragunijiet premessi w tiddisponi minnha skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant Avukat Generali li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-artikoli tal-Ligi erroneji w li ma jirrinkwadrawx fil-fatti tal-kaz in dizamina w li taghhom sabitu hati abbazi ta’ l-ammissjoni tieghu.

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Herrera ghall-appellat iddikjara li qed jaderixxi mal-appell tal-Avukat Generali w jaqbel illi l-Ewwel Qorti ccitat l-artikoli hziena fis-sentenza appellata w li ghalhekk is-sentenza tista’ tigi annullata.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi s-sentenza effettivament ghandha tigi annullata pero’ li, jekk din il-Qorti terga tapplika l-provvediment tal-artikolu 28A, ghandha tvarja t-terminu tal-hlas rateali biex jirrispekja l-ftehim milhuq bejn l-appellat u l-parti leza.

Rat ukoll il-verbal li bih Dr. Caruana ghall-prosekuzzjoni ddikjara li jaqbel li l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax.

Semghet bil-gurament lill-Franco Falzon li iddijkjara li s' issa l-appellat hallas b' kollox is-somma ta' erbghat elef Ewro w li kien lahaq ftehim verbali mieghu li jkompli jhallas bir-rata ta' hames mitt Ewro fix-xahar u li sakemm dawn il-pagamenti - li qed isiru b' *post dated cheques* - jithallsu puntwalment hu jkun kuntent u sodisfatt.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta’ dak kollu verbalizzat din il-Qorti l-ewwel lok qed tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali fis-sens li tannulla s-sentenza appellata ghaliex gew citati l-artikoli hziena fil-parti dispozittiva taghha w dana minflok l-artikoli 293 u 294 attinenti ghall-ewwel imputazzjoni.

Fit-tieni lok ghalhekk din il-Qorti, dejjem in vista ta’ dak verbalizzat, ser terga tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid billi ssib lill-appellat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu fl-ewwel imputazzjoni w ma ssibux hati tal-addebitu tar-recidiva w, wara li rat l-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin a tenur tal-artikolu 28A u inoltre, a tenur tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, tordnalu li jhallas is-somma bilancjali ta’ tmint elef, tlitt mija w hamsin Euro (€8350) f’pagamenti rateali ta’ mhux inqas minn hames mitt Euro (€500) kull xahar, mhux aktar tard mit-tieni gurnata ta’ kull xahar, bl-ewwel pagament fit-2 ta’ Marzu, 2009, b’dana illi jekk l-appellat jonqos milli jhallas puntwalment xi rata wahda jew parti minnha, jitqies li jkun jikser wahda mill-kondizzjonijiet li tahthom qed jigi applikat dan il-provvediment u jekk dan jingib a konjizzjoni tal-Qorti skond il-Ligi, mill-parti leza b' rikors appozitu, l-appellat ikun passibbli minnufih u bla ebda estensjoni ohra biex is-

sentenza sospiza tigi mibdula awtomatikament f'wahda effettiva.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghall-obbligi tieghu taht l-artikolu 28A(8).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------